## QORTI CIVILI PRIM'AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 6 ta` Frar 2018**

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni**
**Nru. 69/2018 JZM fl-ismijiet :**

**Is-Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista**

***kontra***

**Id-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali**

***u***

**s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali**
**ta` San Pawl il-Bahar**

**Il-Qorti :**

### I. Preliminari

Ir-rikorrent ipprezenta r-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni (**il-Mandat**) fil-15 ta` Jannar 2018.

Fil-15 ta` Jannar 2018, il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrent provvizorjament, tat lill-intimati ghaxart (10) ijiem zmien biex iwiegbu bil-miktub u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar it-Tnejn 29 ta` Jannar 2018 fid-9.00 a.m.

L-intimat Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien notifikat fil-15 ta` Jannar 2018 waqt li s-Segretarju Esekuttiv tal-Kunsill Lokali ta` San Pawl il-Bahar kien notifikat fis-16 ta` Jannar 2018.

L-intimat Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali pprezenta risposta fil-25 ta` Jannar 2018 waqt li Elke Sghendo fil-kwalita` taghha ta` Agent Deputat Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta` San Pawl il-Bahar ipprezentat risposta fis-26 ta` Jannar 2018.

Ir-rikors kien trattat fl-udjenza tad-29 ta` Jannar 2018. Fl-udjenza, semghet ix-xiehda ta` Adrian Mifsud, Elke Sghendo u l-Onor. Clyde Puli. Wara li d-difensuri ghamlu sottomissjonijiet, ir-rikors thalla ghal provvediment "in camera".

## II. **It-talba**

Ir-rikorrent talab sabiex l-intimati jkunu mizmuma milli –

***Jghaddu ghall-elezzjoni ta` Sindku u Vici-Sindku fil-Kunsill Lokali ta` San Pawl il-Bahar, u dan waqt laqgha illi hija msejha ghal-lum 15 ta` Jannar 2018 fis-sitta u nofs ta filghaxija (06.30 pm.) u dan kif indikat mill-istess intimati ai termini tat-tieni proviso tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 25 tal-Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta` Malta.***

## III. **Il-kwistjoni**

**Fil-qosor** il-kwistjoni hija li fil-prezent il-Kunsill Lokali ta` San Pawl il-Bahar m`ghandux Sindku u lanqas Vici-Sindku. Issejhet laqgha tal-Kunsill minn Elke Sghendo fil-kwalita` taghha ta` Agent Deputat Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta` San Pawl il-Bahar ghall-15 ta` Jannar 2018 fis-6.30 p.m. sabiex *inter alia* ssir l-elezzjoni tas-Sindku u tal-Vici-Sindku.

Ir-rikorrent talab li l-laqgha bl-agenda li kienet tinkludi dik l-*item* ma ssirx ghar-raguni li, kif prospettata, l-elezzjoni tas-Sindku u tal-Vici-Sindku kienet se ssir minn fost il-kunsilliera li jaghmlu parti mill-kunsill.

Skont ir-rikorrent, is-Sindku u l-Vici-Sindku kellhom ikunu eletti minn fost il-kunsilliera li jirrapprezentaw lill-Partit Nazzjonalista, billi dak il-partit gab il-maggoranza tal-voti fil-lokalita` ta` San Pawl il-Bahar.

Min-naha taghhom, l-intimati jsostnu li - hekk kif prospettata fl-agenda - l-elezzjoni tas-Sindku u tal-Vici-Sindku kienet attinenti ma` dak li tipprovdi l-ligi.

## IV. L-Art 873 tal-Kap 12

**Skont is-subinciz (1)** –

*L-iskop tal-Mandat ta` Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

**Skond is-subinciz (2)** –

*Il-Qorti* ***m`ghandhiex*** *tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

L-elementi li rikorrent irid jissodisfa huma fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li qed jippretendi li ghandu ; u fit-tieni lok, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) qalet hekk –

... ***huwa rekwizit oggettiv*** *u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-*

*ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.* (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti).

Hemm imbaghad **<u>is-subinciz (3)</u>** li jaqra hekk –

*Il-qorti m`ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma` l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

Fil-kaz tal-lum, iz-zewg intimati formalment jikkwalifikaw bhala persuni b`kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghhom. Ghalhekk b'**<u>zieda</u>** ma` l-elementi li johorgu mis-subincizi (1) u (2) tal-Art 873, irid jitqies ukoll dak li jinghad fis-subinciz (3) u cioe` :- (a) li l-haga li parti titlob li tinzamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-hsieb li titwettaq ; u (b) li l-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.

Riferibbilment ghall-element tal-*pregudizzju* meqjus fil-kuntest tas-subinciz (3) ghandu jinghad illi wara l-emenda li giet fis-sehh f`Ottubru 2006, il-ligi ma baqghetx titkellem dwar pregudizzju "*li ma jkunx jista' jigi rimedjat*" bhala l-bazi biex tkun milqugha talba ghall-hrug tal-mandat kontra l-Gvern, imma bizzejjed li jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-hrug tal-mandat li dak il-pregudizzju jkun *sproporzjonat* fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq.

L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulativi u <u>mhux</u> alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed mill-elementi ma jirrizultax, il-Qorti <u>hija obbligata</u> tichad it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat.

**Kif diga` kellha okkazjoni tghid konsistentement qabel illum, din il-Qorti tirriafferma li l-procedura odjerna hija mahsuba biex tkun wahda sommarja, ghaliex mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti fi stadju bhal dak tal-lum, kull ma ghandu**

**jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta` l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista' jew m'ghandu jippretendi li mad-"*daqqa t'ghajn*" ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni. Il-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali. Ghalhekk ma jistax jinhareg il-Mandat jekk il-hsara lamentata mir-rikorrent tkun tista` tigi rimedjata mod iehor.**

## V. Risultanzi

**Il-Qorti sejra tistharreg jekk l-erba` rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat jissussistux fil-kaz tal-lum.**

**Jekk imqar wiehed minnhom ma jirrizultax, allura l-Qorti hija obbligata li ma tordnax il-hrug tal-Mandat propju ghaliex ir-rekwiziti huma kumulattivi mhux alternattivi.**

### a) Dritt *prima facie*

Il-partijiet kollha fil-procediment tal-lum jirreferu ghall-**Art 25(1) tal-Kap 363** tal-Ligijiet ta` Malta in sostenn tal-posizzjoni taghhom.

Min-naha tieghu, ir-rikorrent ighid li l-ewwel proviso tal-Art 25(1) jaghti ragun lilu filwaqt li l-intimati jghidu li l-ewwel proviso mhux applikabbli mentri huwa t-tieni proviso tal-Art 25(1) li jghodd.

Il-Qorti sejra tirreferi ghad-disposizzjoni citata mill-partijiet fl-assjem taghha.

<u>**L-Art 25(1) tal-Kap 363**</u> jaqra hekk :-

*Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-artikolu 29, fil-kariga ta` Sindku ta` xi Kunsill Lokali ghandu joqghod dak il-Kunsillier elett li fl-ahhar elezzjoni lokali ta` dik il-lokalità jkun kiseb l-oghla ghadd ta` voti mal-ewwel ghadd minn fost il-kandidati tal-partit politiku li f`dawk l-elezzjonijiet ikun kiseb il-maggoranza assoluta ta` Kunsillieri ta` dak il-Kunsill. Dak il-Kunsillier jiehu l-kariga ta` Sindku fl-ewwel laqgha tal-Kunsill wara dik l-elezzjoni lokali. Jekk jigri li ghal xi raguni dak il-Kunsillier jirrifjuta milli jokkupa l-kariga ta` Sindku, ikun il-Kunsillier li jkun gab it-tieni l-oghla ghadd ta` voti minn fost dak il-partit politiku hawn qabel imsemmi li jiehu l-kariga, u hekk sussegwentement sakemm xi hadd jiehu l-kariga ta` Sindku :*

*Izda f`kaz illi s-Sindku jispicca mill-kariga matul it-terminu tal-Kunsill, il-post ta` Sindku ghandu jimtela` minn dik il-persuna tal-istess partit li tkun gabet l-akbar ammont ta` voti fl-ewwel ghadd wara s-Sindku li jkun qed jispicca mill-kariga :*

*Izda f`kaz li l-ligi ma tkunx tipprovdi xort`ohra, is-Sindku jintghazel minn fost il-Kunsillieri.*

Mhux kontestat fuq livell ta` *prima facie* illi l-Partit Nazzjonista kiseb l-maggoranza tal-voti fil-lokalita` ta` San Pawl il-Bahar (ara x-xiehda <u>mhux kontestata</u> tal-Onor. Clyde Puli).

Ghax dak huwa l-kaz, il-Partit Nazzjonalista ghandu l-jedd *prima facie* javvanza l-pretensjoni li l-elezzjoni tas-Sindku u tal-Vici-Sindku tal-istess lokalita` tkun regolata bl-ewwel proviso tal-Art 25(1).

Tghid dan il-ghaliex kemm l-ewwel kif ukoll it-tieni proviso tal-Art 25(1) huma dipendenti ghat-thaddim taghhom fuq dak li jghid il-paragrafu inizjali.

**Fic-cirkostanzi tal-kaz, fuq livell ta` *prima facie*, dak li nghad mir-rikorrent huwa ppruvat.**

**b) Id-dikjarazzjoni skont l-Art 873(3) tal-Kap 12**

Tramite d-difensur tieghu, id-Direttur intimat ghamel din id-dikjarazzjoni fl-udjenza tad-29 ta` Jannar 2018 :-

*Dr Cordina jiddikjara illi d-Direttur intimat ma ha l-ebda decizjoni sabiex tigi mizmuma l-haga lid an il-mandat qed tintalab li tinzamm milli ssir u allura ghall-fini ta` iktar kjarezza jkompli jiddikjara illi d-Direttur tal-Gvern Lokali ma ha l-ebda decizjoni biex issir jew ma ssirx il-laqgha partikolari u senjatament dik li ghaliha rrefera r-rikorrent fir-rikors promotur.*

Dan premess, irrizulta mix-xiehda ta` Adrian Mifsud illi kien biss wara parir legali intern ghad-Dipartiment li kien deciz li kellu jghodd it-tieni proviso tal-Art 25(1) tal-Kap 363 ghall-kaz tal-lum.

Tramite d-difensur tieghu, l-intimat l-iehor iddikjara li *ghall-istess ragunijiet li ta fir-risposta prezentata l-patrocinata tieghu mhijiex f`qaghda li tikkonferma fil-Qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir.*

Kienu moghtija r-ragunijiet.

Il-Qorti qieset ir-ragunijiet taz-zewg ntimati.

Ma tqisx illi dak mistqarr miz-zewg intimati huwa bizzejjed biex jissoddisfa l-vot tal-ligi.

Ghalhekk qeghda tiskartahom bhala mhux bizzejjed sabiex ikun sodisfatt rekwizit ghall-hrug tal-Mandat.

**c) Il-htiega**

Il-Qorti tghid illi huwa sodisfatt ir-rekwizit tal-htiega propju ghaliex il-pretensjoni tar-rikorrent ma tistax tkun sodisfatta b`xi azzjoni diversa.

**d) <u>L-isproporzjon fil-pregudizzju</u>**

Lanqas dwar dan ir-rekwizit m`ghandu ghalfejn ikun hemm disgwid ta` xi xorta, propju ghaliex il-pregudizzju li jista` jgarrab ir-rikorrent noe bil-fatt illi ma jkunx milqugh il-Mandat huwa bil-wisq sporporzjonat kontra tieghu meta mqabbel ma` dak li jistghu jgarrbu l-intimati <u>fil-kariga istituzzjonali</u> taghhom.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tar-rikorrent.**

**Il-kap tal-ispejjes ta` dan il-procediment ghandu jkun regolat skont ma jkun deciz finalment fil-kawza fil-mertu dwar il-jedd.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**